MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 173/2013

**AB**

**-vs-**

**Cd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet zzewgu fit- 30 ta' Novembru 1978 u minn dak iz-zwieg kien hemm erba' ulied, illum ilkoll maggorenni.

2. Illi l-partijieti ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri (hawn anness u mmarkat Dok. A) datat tmintax (18 ta' Frar tas-sena elf disgha mija u sebgha u disghin (1997), liema

kuntratt gie rivedut b'kuntratt iehor in atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) (Hawn anness u mmarkat Dok. B);

3. Illi m' hemm l-ebda prospett raggonevoli ghal rikonciljazzjoni bejnithom stante illi l-partijiet ilhom effettivament jghixu hajja separata ghall-iktar minn hmistax-il sena u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi skont il-kuntratt tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000), il-partijiet, kienu ddekadew b'mod reciproku mill-beneficcju tal-manteniment, mentri l-esponenti kien obbligat illi jhallas biss manteniment ghall-ulied, liema manteniment dejjem thallas sakemm l-istess effettivament ghalqu t-tmintax-il sena;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mill-ligi ghall- ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex f'dawn ic-cirkostanzi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat tal-partijiet.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet izzewgu nhar it-tletin (30) ta' Novembru, 1978 u li minn dan iz-zwieg twieldu erba' titfal li illum huma kollha maggorenni;

2. Illi l-esponenti tikkonferma ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Tonio Spiteri sa mit-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elf disgha mija sebgha u disghin (1997) liema kuntratt gie rivedut b'kuntratt iehor redatt minn Nutar Dottor Rachel Busuttil datat it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000);
3. Illi l-esponenti tikkonferma illi ma hemm l-ebda prosett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;
4. Illi l-esponenti tirrileva illi m'hemmx arretrati ta' manteniment pendenti;
5. Illi l-esponenti tixtieq teprevallixi mill-fakulta illi tirriverti lura ghal kunjomha xebba u cioe' Schembri;
6. Illi ghalhekk l-esponenti tirrileva illi l-fatti msemmija mir-rikorrenti jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob illi dina il-Qorti joghgobha tilqa it-talbiet tar-rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur;

Tant x'ghandha umilment x'tissottometti l-esponenti ghas-savju u superjuri gudizzju ta' dina il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' April, 2013;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana

peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-18 ta Frar 1997 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment pendenti;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------